MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 977/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**KONTRA**

**TRAORE ISSA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Traore Issa ta’ 27 sena, Nazzjonalita’ minn Ivory Coast, iben Troman u Nyonke mwieled gewwa Ivory Coast f’ 1983, residenti gewwa Hal Far open centre, Police Boat number 08ll-008;

Li gi imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fit- 22 ta' Settembru 2010 u dati ta' wara f' Malta, ghamel uzu jew attenta jaghmel uzu minn passaport u residence permit mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal- Artikolu 4 tal- Kapitolu 61 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Kif ukoll talli fl- istess cirkostanzi, f' Malta, gieghel jghati xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tgharif ta' fatti foloz lill- Ufficjal tal- Immigrazzjoni u dan bi ksur tal- Artikolu 32 (1c) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 4 tal- Kapitolu 61, Artikolu 32 (1)(c) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlett (3) xhur priguneirja sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------